*Ġrajja ta' 150 sena ilu:*



# *Il-Kolera tal-1865 f'Għawdex – il-vittmi li ħalliet warajha fl-Għasri u f'Għammar –*

*tagħrif miġbur minn Toni Calleja*

**Introduzzjoni**

Fl-aħħar ħarġa ta' ***IL-KORPUS*** ktibna dwar l-imxija tal-Pesta tal-1813-14 li fil-gżira ta' Malta, u x-Xagħra, Għawdex, ħalliet warajha straġi tal-biża'. Minħabba l-interess muri mill-qarrejja tagħna għal dik il-kitba, ħsibna li għal din id-darba ngħidu xi ħaġa dwar il-Kolera tal-1865 f'Għawdex, u l-vittmi li ħalliet warajha fl-Għasri u fl-irħajjel ta'Għammar.

Il-kolera u l-pesta huma żewġ mardiet assoċjati l-aktar man-nuqqas ta' iġjene, u li fiż-żmien kienu l-kaġun ta' bosta mwiet. Il-kolera, jew il-korla, kif kien jsibuha xi antiki, hija marda gravi tal-imsaren li tittieħed, b'dijarrea qawwija, waqt li l-pesta tiġi b'infezzjoni mill-'baċillu' msejjaħ 'ta' Yersin', u tista' tkun 'bubonika' (b'nefħa kbira taħt l-abt) jew 'pulmunari' (li aktar tixtered malajr), dari ħtija ta' bosta mwiet u magħduda bħala wieħed mit-tliet flaġelli kbar li jissemmew fil-litanija t-twila: *'a peste fame et bello libera nos Domine'*.

**Il-Kolera tal-1865**

Fl-14 ta' Ġunju 1865, f'Malta tħabbru miżuri kontra l-imxija tal-kolera li kienet għaddejja f'Lixandra, l-Eġittu. Mal-wasla, il-bastimenti kienet issirilhom kwarantina ta' sebat ijiem. Mit-30 ta' Ġunju, bastimenti li fuqhom kellhom xi każ ta' kolera, kienu ngħataw kwarantina ta' 12-il jum.

F'Għawdex, li lanqas kien għad ilu sena li sar Djoċesi, dan il-flaġell reġa' nġarr minn Malta. Din id-darba l-marda ġarrha miegħu Mikiel Cilia ta' 22 sena li kien jaħdem fuq dgħajsa tax-xatt u li kien ilu Malta disat ijiem. Huwa wasal id-dar fix-Xewkija fejn kien joqgħod fil-21 ta' Lulju 1865, fit-3.00pm, isofri minn dijarrea. Matul il-lejl irriżulta li kien attakkat bil-kolera; madankollu ma mietx. Fl-24 ta' Lulju tfaċċaw erba' każi oħra ġodda: żewġ aħwa bniet tal-istess Mikiel Cilia u żewġ nisa ġirien li marru jżuruh meta kien iħossu ma jiflaħx. Fil-25 ta' Lulju ġew irraportati żewġ każi oħra fost l-abitanti tal-istess Xewkija; każ minnhom tnissel f'persuna li kienet żaret id-dar ta' Cilia. Wara dan il-jum ġew irrapportati aktar każi ġodda.



Fis-27 ta' Lulju 1865, l-E.T. Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg, l-ewwel isqof ta' Għawdex, qalbu mixquqa bil-ħniena, minħabba din l-imxija, għogbu jagħti permess lill-Għawdxin li setgħu jieklu l-laħam anki f'dawk il-jiem li ma jkunx jiswa.[1] Jumejn wara, fid-29 ta' Lulju, ordna talb speċjali biex il-gżejjer tagħna jkunu meħlusa mill-mard tal-kolera.[2] Fl-10 ta' Awwissu, l-Isqof Buttigieg ordna li minħabba l-kolera, kellhom ikunu esposti għall-qima pubblika dawk l-immaġini u statwi li ssoltu jinħarġu f'ċirkustanzi simili.[3]

Mit-2 ta' Awwissu 'l quddiem, il-kolera ma baqgħetx iżolata biss fix-Xewkija, iżda bdiet bil-mod il-mod tinfirex f'irħula oħra. L-Għasri, l-kolera ma dehritx qabel id-9 ta' Settembru 1986, jiġifieri 50 jum wara l-każ ta' Cilia fix-Xewkija.[4]

Fit-28 ta' Settembru, l-E.T. Mons. Buttigieg ordna talb speċjali biex jinkiseb il-waqfien sħiħ tal-flaġell tal-Kolera.[5] Il-Patenta li l-Kolera kienet spiċċat minn Malta nħarġet fis-17 ta' Novembru 1865.[6] Fil-25 ta' Novembru, l-Isqof ta' Għawdex, ħareġ Ċirkulari biex fi gżiritna jsir Ringrazzjament lil Alla u t-tkomplija tal-wgħiedi li saru għat-tmiem tat-tali epidemija qerrieda.[7] Din l-ordni kienet esegwita fil-jum tal-Ħadd, 3 ta' Diċembru, b'talb speċjali ta' radd il-ħajr fil-knejjes kollha ta' Għawdex.[8]

A. Ghio, jgħid li minn popolazzjoni ta' 133,944, f'Malta u Għawdex kienu attakkati 2,906, u li minnhom mietu 1,735. F'Għawdex fejn il-popolazzjoni kienet 15,348, kienu attakkati 544, u li minnhom mietu 256,[9] jew 1.6% tal-popolazzjoni. Il-mejtin kienu minn dawn il-postijiet:

Rabat 74; Ospizju 22; Sptar Ċentrali 4; Kerċem 9; Santa Luċija 1, Xewkija 18; Sannat 25; Munxar 5; Nadur 6; Qala 1; Marsalforn 2; Xagħra 30; Żebbuġ 18; Għasri u Għammar 5; u l-Għarb 33.[10]



Kollezzjoni *IL-KORPUS*

Id-dar fejn kienet toqgħod Anna Teuma li mietet bil-kolera fl-Għasri (ara storja f'p. 39).

## Il-vittmi li ħalliet il-kolera fl-Għasri u fl-irħajjel ta' Għammar

Fid-9 ta' Settembru 1865 kienet attakkata bil-kolera, Anna Teuma. Mietet aktar tard fl-istess jum; fis-7.00pm, fl-età ta' 25 sena u ndifnet fiċ-Ċimiterju tal-Kolera taż-Żebbuġ (midfen ta' wara l-Knisja). Anna kienet bint Ġużepp Caruana u Annunzjata Xicluna. Hi kienet miżżewġa ma' Ġużepp Teuma (*Peppinu tal-Kromb:* 1828-1905) u toqgħod f'nru 32, Triq il-Fanal. Apparti 'l żewġha u lil ommha, ħalliet jibku t-telfa tagħha żewġ ulied: Rożarja ta' tliet snin, u Marija ta' sena. Skont iċ-ċertifikat tal-mewt, hija kienet ħaddiema tal-bizzilla.[11]

Dixxendenti tagħha qalulna li dik l-għodwa stess, Anna u żewġha, l-ewwel marru jaqtgħu l-bjad tal-qoton, imbagħad marru jsaqqu xi xtieli tal-kromb fid-daqsxejn ta' ġardina li kellhom qrib id-dar. F'ħin minnhom semgħet wieħed jgħajjat bil-lampuki u marret xtrat waħda. Sajritha u kiluha bil-kwiet iżda malli kielet dlonk bdiet tħossha ma tiflaħx u sa filgħaxija mietet.[12] Meta kien qed jitkellem minn imxija oħra ta' kolera li ħabtet fuq Malta fl-1867; allura sentejn wara, Pietru Pawl Castagna jgħid li: "F'ġurnata waħda, marru għand Alla seba' Patrijiet Dumnikani, mill-Kunvent tal-Belt, Valletta. Il-kaġun, x'uħud jgħidu, kienet ikla lampuki; oħrajn qalu, kien verdirram (għakar aħdar li jrabbi r-ram meta jiqdiem) – weħel il-kok".[13] U għal Anna Teuma min ser jitwikka bil-kolpa!?

Nistgħu nibqgħu ċerti li f'dawn il-każi l-lampuki ma kellhomx x'jaqsmu; it-tort kien tal-mikrobu tal-kolera li ttieħed minn forsi l-bejjiegħ tal-ħut jew xi proxxmu ieħor li ġie f'kuntatt dirett magħhom. Il-ħabib għażiż tagħna Victor J. Galea tax-Xagħra jgħid li: "It-tobba, skont ma qalli xiħ għakka, meta kont tfal, kienu qalulhom biex ma jeklux frott. Qalli darba, kif bidwi minn Wara s-Sur wasal id-dar bi xkora bettih ra lill-bekkamorti joħorġu lil ġaru għal tal-Għonq (ċimiterju r-Rabat, fejn kienu jidfnu dawk li jmutu bil-kolera). Dan twerwer u qabad u tahulhom. Huma għabbewh fuq il-karru, bdew iħabbtuh waħda, waħda, mal-kaxxa u jieklu! L-imsejkna huma wkoll kienu jmutu u jinbidlu, imma mhux bil-bittih".[14] U hekk ukoll il-lampuki!

Intant, fl-Għasri, fid-19 u l-23 ta' Settembru 1865, ġew irrapportati erba' każi ġodda ta' kolera, tnejn, u tnejn, waqt li fit-23 kellna t-tieni vittma: Loreta Cauchi li fl-età ta' biss 24 sena kienet l-iżgħar waħda. Indifnet ukoll fiċ-Ċimiterju tal-Kolera taż-Żebbuġ. Loreta, bint Salvu Caruana u Anġela Buttigieg, mill-Għarb, kienet mart M'Anġlu Cauchi, aktar magħruf bħala *Kalanġ ta' Għakar*, u kienu joqogħdu f'nru 23, Triq il-Fanal.[15]

Fid-29 ta' Settembru, il-kolera ħalliet fl-Għasri t-tielet vittma: Ġużeppa Formosa (*ta' Għażżeż:* 1805-1865), mart M'Anġlu, ta' numru 17, Strada Għammar. Kienet bint Patist Aquilina u Anġela neè Agius, mill-Għarb.[16] Fit-30 tal-istess xahar kien irrapurtat każ ieħor ta' kolera, waqt li 'l għada, l-1 ta' Ottubru, il-kolera ħalliet ir-raba' vittma: Ġużepp Zammit, bidwi ta' 40 sena minn Triq Għammar. Ġużepp, żewġ Tonina xebba Cini, kien bin Nikola Zammit u Modesta neè Aquilina.[17]

Fit-2 ta' Ottubru kienu rrapurtati żewġ każi oħra ġodda, filwaqt li 'l għada, 3 ta' Ottubru 1865, il-kolera ħalliet il-ħames vittma tagħha fl-Għasri. L-aħħar vittma kien il-bidwi Marċell Aquilina (1798-1865), żewġ Ġolina DeBrincat, ta' Triq Għammar.[18] L-aħħar tliet vittmi kienu qraba li x'aktarx ittieħdu minn xulxin: Marċell u Ġużeppa Formosa kienu aħwa, waqt li l-bidwi Ġużepp Zammit kien in-neputi tagħhom.

Fl-10 ta' Ottubru tħabbru żewġ każijiet ġodda; każ ieħor fit-12, waqt li l-aħħar każ kien irrapurtat fil-15 ta' Ottubru 1865. Mela b'kollox, bil-kolera, fl-Għasri u fl-irħajjel ta' Għammar, kienu attakkati tnax-il ruħ u kien hemm ħames fatalitajiet jew ċirka 1.3% tal-popolazzjoni.[19]

Il-kolera tas-sena 1865 nisslet rabja kbira fost l-Għawdxin għax l-Awtoritajiet tas-Saħħa ma tawx każ ta' Għawdex, u ftit li xejn ittieħdu miżuri biex din l-epidemija tkun ikkontrollata u ma titħalliex tixtered bla rażan f'kull rokna tal-gżira. Osservaturi Għawdxin ta' dak iż-żmien ilmentaw sħiħ minħabba nuqqas ta' prekawzjonijiet li xejn ma kienu jixbhu lil dawk li ttieħdu f'epidemiji oħra simili.

Aktar milli rabja, fost l-Għawdxin kien hemm biża' kbir. Kulħadd kien ħerqan jagħmel kemm jiflaħ wgħiedi ma' dawk il-qaddisin li s-soltu jirrikorru għall-interċessjoni tagħhom f'epidemiji ta' dix-xorta. F'dokument tal-Uffiċċju tad-Deputazzjoni tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex, datat 27 ta' Jannar 1891, niltaqgħu ma' xhieda mogħtija minn Ġużepp bin il-mejjet Salvu Mercieca, Evanġelista mart Wiġi Camilleri, u tas-Soru Grazzja Grima, fejn fost l-oħrajn jingħad: "Illi fis-sena 1865 (is-sena tal-kolera) ġew mogħtija lill-Madonna [tal-Patroċinju meqjuma fil-Knisja Bażilika tagħha tal-Għasri] *ex voto* (bħala wgħiedi) ħafna oġġetti tad-deheb, li kienu jikkonsistu fi ċrieket, pendenti, u par brazzuletti, kollha msensla ma' strixxa drapp twila daqs il-wisa' tal-kwadru prinċipali (titulari)". Jingħad ukoll: "Illi dawn l-oġġetti tad-deheb inbiegħu mir-Rettur Dun Mikiel Micallef (1849-1893), u l-imsemmija Evanġelista Camilleri xehdet li hija stess xtrat par imsielet bil-prezz ta' 8s. 4d. (€0.96) u ċurkett bil-prezz ta' 3s. 0d. (€0.35)".[20]

Fil-Bażilika tal-Patroċinju, in-naħa ta' isfel tal-knisja hemm żewġ kwadri faċċata ta' xulxin li jirrappreżentaw lil San Bastjan, u Santu Rokku,[21] żewġ awżiljarji kontra l-mard tal-pesta, u tal-kolera ***(ara ritratti faċċata)***. Frenċ Galea (1926-2013) jaħseb, li bħala suġġett, dawn iż-żewġ kwadri huma l-uniċi tnejn tax-xorta tagħhom f'Għawdex.[22] Il-kwadri ma kinux maħsuba fl-aħħar bini ta' dik il-parti tal-knisja (1751-1754) għax lanqas ħasbulhom għall-gwarniċ u allura x'aktarx saru aktar tard bħala wegħda għall-ħarsien f'xi mxija tal-pesta jew tal-kolera li minnhom f'pajjiżna ma kinux skarsi.


Prescritto dall'Ordinanza No VI del 1840, Sezione VII, § 27.

No. 699

UFFICIO DELLA POLIZIA DI MARINA,

MALTA, il dì 3 Settembre 1867.

Si permette al Padrone Francesco Debono

di trasportare da Malta al Gozo sopra la sua Barca N° 8

i seguenti generi

Per ordine del Soprintendente,

NAG, CG, 04/238, f. 59r


Gozo, 4 Settembre 1867

Ho esaminato i generi qui retro notati, ed ho permesso il loro disbarco.

Ufficiale incaricato del Porto Migiarro.

NAG, CG, 04/238, f. 59v

***Xellug:*** Ċertifikat datat 3 ta' Settembru 1867 maħruġ mill-Pulizija tal-Port f'Malta lill-Padrun tad-Dgħajsa ta' Għawdex Nru 8, li jista' jittrasporta l-merkanzija indikata li allura kienet tikkonsisti f'salami; dqiq; għaġin; baskott/gallett; nbid; u likuri. ***Lemin:*** Ċertifikat datat 4 ta' Settembru 1867 maħruġ mill-Pulizija tal-Imġarr, Għawdex, li jivverifika l-merċa msemmija u jawtorizza l-isbark tagħha.





Intant, dwar il-kwadru ta' San Bastjan, Frenċ Galea jgħid li: "l-Isqof Gonzi, il-kwadru tagħna ta' San Bastjan kien ikkundannah għax jingħad li kien għeri żżejjed. Meta kont nitrabba jien dan il-kwadru kien mormi f'waħda mill-kmamar tas-sagristija tal-Wied sakemm ir-Rettur Dun Ġużepp Zammit ma rrestawrahx u dendlu fil-post fejn attwalment jinsab".[23] Dun Ġużepp jgħidilna li f'2001, il-kwadru kien irrestawrat b'mod professjonali minn Alfred Briffa (1953-....), neputi tal-wisq rinomat pittur, Giuseppe Briffa (1901-1987). Fit-tali restawr, l-ispiża involuta ntelgħet £m25 (€58.23).[24]

---

Riferenzi

1: AEG, DE, [27 Lug 1864], *f.* 10r.
2: L-istess, [29 Lug 1865], *f.* 11r.
3: L-istess, [10 Aug 1865], *f.* 12r.
4: A. GHIO, *The Cholera in Malta and Gozo in the year 1865*, Malta 1867, p. 14.
5: AEG, DE, [28 Set 1865], *f.* 15r.
6: J. INGUANEZ, *Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi*, Malta 2000, p. 293.
7: AEG, DE, [25 Nov 1865], *f.* 18r.
8: K. APAP, *Il-Kolera f'Għawdex fl-1865*, f'*It-Torċa*, 05 Fra 1978, p. 20.
9: A. GHIO, *The Cholera in Malta and Gozo in the year 1865*, ara Table E.
10: L-istess, ara Table G.
Nota: Bejn Table E u Table G jeżistu xi diskrepanzi fil-għadd tal-mejtin u li l-awtur jagħti raġuni għalihom f'*footnote* f'Table F.
11: P[ublic] R[egistry] G[ozo], Act of Death 447/1865.
12: Tagħrif mogħti lilna minn Ġorġa Calleja (Ommi: 1919-2001) ta' Triq il-Fanal, u minn kuġinuha, Ġorġ Mercieca (*Ġanoku*: 1927-2011) ta' Triq il-Fanal.
13: P. P. CASTAGNA, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha*, Facsimile Edition 1985 [mitbugħa l-ewwel darba fl-1866] II, p. 470.
14: V.J. GALEA, *Sant'Orsla, Patruna ta' Għawdex teħles lill-gżira mill-gwajjijiet*, f'*Il-Għid tal-Assunta* 44 (2009), p. 16.
15: PRG, Act of Death 510/1865.
16: L-istess, 534/1865.
17: L-istess, 542/1865.
18: L-istess, 558/1865.
19: A. GHIO, *The Cholera in Malta and Gozo in the year 1865*, ara Table E.
20: AEG, CO, 04/156.
21: Fl-*Għasri u Ġrajjietu*, ir-Rettur Dun Ġużepp Zammit, jirriferi għal dal-kwadru bħala ta' San Ġakbu Appostlu (ara *Bullettin tal-Ħadd* tal-15 Fra 1970). Biss Frenċ Galea jsostni li fil-fatt il-qaddis hu Santu Rokku, patrun kontra l-mard tal-pesta.
22: Korrispondenza – Frenċ Galea lil Toni Calleja [12 Fra 1981] p. 2.
23: L-istess, pp. 2-3.
24: Tagħrif mogħti lilna minn Dun Ġużepp Zammit nhar l-14 Aww 2011.